**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**12 ta' Novembru 2024**

**Rikors Numru 36/2024**

**Gabriella Hili**

**Vs**

**Awtorità tal-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Gabriella Hili** ippreżentat fid-9 ta' Mejju 2024 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

> *1.Illi permezz ta' ittra datata 18 ta' April 2024 (Dokument AST1) li l-esponenti rceviet nhar l-20 ta' April 2024 fuq talba tagħha sabiex fl-għalqa ta' Triq Tar-Rangu tal-Għolja tas-Siggiewi jsir tibdil "to reconstruct a pre-1967 ruined toolroom , erect rubble walls, construct two stables, create two ramps and instżll two gates in an ODZ Land' giet infurmata mill-intimata Awtorita tal-Artijiet li fuq d-deciżjoni tagħha kienet to "Refuse Consent" u dan għax ngħad li "proposed development cannot be considered as essential to the needs of agriculture."*
>
> *2.Illi minhabba l-fatt li l-esponenti qedha thossha aggravata b'din d-deciżjoni tat-18 ta' April 2024 hija bil-presenti qiegħda umilment tressaq dan l-umili appell quddiem dan t-Tribunal Onorabbli.*

*3.Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti*

*a.Illi fl-ewwel ai termini tal-konsiderażżjonijiet sottomessi mill-Perit John Schembri hija spjegat li din it-talba hija bażata fuq l-bżonn li l-post jigi utilizżat għal skopijiet agrikoli b'mod aħjar u iktar avvanżat. U f'dan fost l-oħrajn motivat bil-ħsieb li bin r-rikorrenti Zack Hili li jsofri minn kundiżżjoni medika partikolari kif iccertifika t-tabib kuranti tiegħu Dr Nigel Camilleri (Dokument AST2) datat 29 ta' April 2024 għandu bżonn li jmur fil-post u l-għalqa imsemmija. Il-presenża tiegħu hemm flimkien mal-annimali li jkunu hemm jistgħu jgħinuħ u anżi qedhin jgħinuħ sabiex jikkontrolla l-kondiżżjoni li presentement huwa affetwat minnha. Għalhekk l-esponenti qed tħossha aktar aggravata għax t-talba tagħha hija bażata fuq konsiderażżjonijiet agrikoli veri u l-użu li ser jsir mill-isvilupp fl-istess huwa hekk marbut.*

*b.Illi fit-tieni lok fuq dan proprju iktar bir-rispett hija tirrileva li l-imsemmija ittra ma fiha ebda spjegażżjoni jew motivazjoni valida imma hija decizjoni li tidher li mhux bazata fuq il-ligi. U dan ghalhekk jmur kontra dak provdut fis-sub-artikolu tnejn (2) "h" tal-Kapitolu 490 Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva li jghid li s-sentenzi ghandhom ikunu motivati : "Tribunal amministrattiv ghandu jaghti, b'mod bizzejjed car, il-motivi li fuqhom tkun mibnija decizjoni." U dan kif huwa rifless fl-insenjament kostituzzjonali taghna senjatament kif gie deciż mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawza Raymond Gauci vs Il-Pulizja et fis-27 ta' Gunju 2002 fejn l-Qorti r-riaffermat li ghandha bzonn ta' decizjoni motivata u dan huwa parti mill-prinicipju ta' smiegh xieraq u ta appell.*

*c.Illi fit-tielet lok ukoll tissottometti u tirrileva l-irritwalita ta' tali decizjoni u dan senjatament fil-mod ta' kif giet miktuba jew formulata.*

*d.Illi fir-raba lok f'kull lok r-raguni qsajra mressqa u cioe'; "proposed development cannot be considered as essential to the needs of agriculture." ma hiex bażata fuq s-sewwa kif diga rrizulta mill-provi prodotti u mhux biss imma terga ma ssegwix precizament l-logika għall-decizjoni għar-rifjut. Ma tissodisfax għalhekk anqas r-rekwiżiti tal-ligi u konsegwentment din id-deciżjoni għandha tigi dikjarata nulla.*

*Ghalhekk qieghed jigi umilment sottomess li din l-motivazzjoni ma hiex minna u hija mressqa bhala raguni.*

*Ghaldaqstant l-appellanti fil-waqt li taghmel referenża għas-suespost , għall-provi diga prodotti u dawk produccibbli quddiem dan it-Tribunal Onorabbli kif ukoll għas-sottomissjonijiet li saru u dawk sollevabbli titlob bir-rispett li dan it-Tribunal jogħgbu jirrevoka, jħassar u jannulla d-decizjoni li ttiehdet mill-Awtorita tal-Artijiet kif kontenuta fl-ittra tagħha tat-18 ta' April 2024 u konsegwentement li jinghataw dawk l-ordnijiet jew provvedimenti ohra li jidhirlu xierqa u gusti. Bl-ispejjes kontra l-imsemmija Awtorita.*

Ra r-risposta tal-Awtorita` intimata ppreżentata fit-3 ta' Ġunju 2024 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

1. *Illi din hija r-risposta għar-rikors tal-Appell fl-ismijiet suċitati li ġie notifikat lil- Awtorità nhar it-13 ta' Mejju 2024 u l-esponenti ġiet mogħtija għoxrin ġurnata ċans biex tirrispondi skont il-liġi.*

2. *Illi r-rikorrenti ressqet applikazzjoni mal-Awtorità esponenti bir-referenza PLA1/2023/0196 u permezz ta' liema għamlet is-segwenti talba u ċioe "***To reconstruct a pre-1967 ruined toolroom, erect rubble walls, construct two stables, create two ramps and install two gates in an ODZ land***" f'għalqa li tinstab fi Triq Tar-Ranġu, fis-Siġġiewi.*

3. *Illi l- Awtorità irrifjutat din l-applikazzjoni permezz tad-deċiżjoni tagħha tat-18 t'April 2024 u dangħas-segwenti raġuni u ċioe li "***Proposed development cannot be considered as essential to the needs of agriculture***".*

4. *Illi preliminarjament jiġi wkoll senjalat għal kull bon fini li l-applikazzjoni in mertu saret fuq biċċa raba' li tifforma parti minn tenement ikbar bir-referenza numru J46993, li hija magħrufa bħala 'l-għalqa tar-Rangur, tal-Għolja, is-Siġġiewi'. Fuq dan it-tenement kienet ġiet rikonoxxuta ir-rikorrenti Hili b'titolu ta' kirja agrikola (qbiela) minflok is-sehem sħiħ li kellha ommha s-Sinjura Anna Grech. Din ir-raba' hija mikrija in solidum ma' oħrajn. Dan it-trasferiment ta' drittijiet sar permezz ta' ittra ta' rikonoxximent tal--24 ta' Mejju 2023 ai termini tal-Liġi Sussidjarja 573.06, u liema rikonoxximent kien soġġett għal numru ta' kundizzjonijiet ta' kirja agrikola (qbiela), u għal liema ser tkun qiegħda ssir referenza aktar 'il quddiem.*

*Illi r-rikorrenti ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-esponenti u interponiet dawn il-proċeduri, u għal liema qiegħdin jitressqu is-segwenti eċċezzjonijiet;*

***AGGRAVJI***

***L-Ewwel Aggravju (paragrafu 'a' fir-rikors promotur)***

5. *Illi r-rikorrenti ssostni li t-talba tagħha saret abbażi tal-bżonn li l-post jiġi utilizżat għal-skopijiet agrikoli b'mod aħjar u iktar avvanżat, bil-ħsieb li iben ir-rikorrenti jmur fil-post u fl-għalqa relattiva minħabba kundizzjoni medika.*

6. *Illi filwaqt li l-esponenti tifhem lir-rikorrenti u s-sitwazzjoni medika li qed jaffaċċja binha, tissenjala li din is-sitwazzjoni bl-ebda mod m' għandha tintuża sabiex b' xi mod jew ieħor l-esponenti tittollerra dak li l-liġi u l-kundizzjonijiet tal-kirja agrikola espressament jipprojbixxu.*

7. *Illi l-Leġislazzjoni Sussidjarja 573.06, u liema hija applikabbli fir-rigward tal-kirja odjern, tiddefinixxi x'inhi art agrikola u x'inhu wkoll l-iskop agrikolu, dan filwaqt li kundizzjoni numru 8 tal-kundizzjonijiet tal-kirja agrikola (qbiela) tgħid ċar u tond li din ir-raba' għandha tintuża biss għall-skop agrikolu. Kif sejra tipprova l-esponenti f'dawn il-proċeduri, it-talba tar-rikorrenti tmur lil'hinn mill-iskop agrikolu, fosthom pereżempju bil-bini propost ta' stalel ta' żwiemel u 'paddock' li bl-ebda mod ma jinkwadraw ruħhom fl-iskop agrikolu.*

8. *Illi bid-dovut rispett, lanqas il-kwistjoni medika rilevata mir-rikorrenti ma tista b' xi mod jew ieħor tiċċentra f' dak li huwa l-iskop għall-użu agrikolu ta' din l-art. Di fatti, kundizzjoni numru 9 tal-kundizzjonijiet tal-kirja agrikola (qbiela) tistipola li l-kmamar li jifformaw parti minn din il-kirja jistgħu jintużaw biss għall- skopijiet ta' ħażna ta' għodda, uċuħ tar-raba jew skopijiet ta' kenn mill-elementi. Kwalunkwe skop ieħor għalhekk huwa eskluż.*

***It-Tieni Aggravju (paragrafu 'b' fir-rikors promotur)***

9. *Illi r-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni ma fiha l-ebda spjegazzjoni jew motivazzjoni u li ma hijiex ibbażata fuq il-liġi. Madankollu, l-esponenti tibda billi tirrileva, li kif diġa senjalat fl-eċċezzjonijiet relatati għall-ewwel aggravju, id-deċiżjoni tagħha hija ibbażata kemm fuq dak li trid il-liġi, ossia l-Leġislazzjoni sussidjarja 573.06 u kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-kirja agrikola (qbiela).*

10. *Illi aktar minn hekk, l-esponenti tissenjala li id-deċiżjoni tagħha hija wkoll motivata skont kif trid il-liġi, b'dana li dik l-istess deċiżjoni poġġiet lir-rikorrenti f' sitwazzjoni ċara u minnliema hija setgħat tintavola dan l-appell, kif filfatt għamlet. Jirriżulta wkoll minn qari tal-aggravji minnha mressqa, li hija fehmet id-deċiżjoni tal-esponenti u l-ħsieb ta' wara l-istess. L-esponenti tissenjala, li dan il-fatt waħdu juri kif id-deċiżjoni tal-Awtorità kienet motivata skont kif trid il-liġi u l-prassi t'amministrazzjoni tajba. Dan anke in linea mal-ġusriprudenza nostrana.*

11. *Illi r-rikorrenti tagħmel ukoll referenza ghas-sub artikolu (2) 'h' tal-artiklu 3 tal-Kapitlu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, madankollu l-esponenti tissenjala li dak l-artiklu jirreferi għall-sentenzi tat-Tribunal Amministrattiv innifsu, u mhux tad-deċiżjoni amministrattiva illi dak it-tribunal ikun qed jiskrutinizza.*

12. *Illi għalhekk jiġi senjalat li l-appell odjern qiegħed isir a bażi tal-Artikolu 57 tal-Kap. 563 u l-istess appell qiegħed isir minn deċiżjoni li ingħatat mill-Awtorità tal-Artijiet. B'hekk l-artikolu ċitat mir-rikorrenti ċertament li m'huwiex applikabbli fiċ-ċirkostanza odjerna. Għalhekk dan l-argument huwa fallaċi fih innifsu.*

13. *Illi oltre minn hekk u b'referenza għad-deċiżjoni li hija ċitata fir-rikors promotur, senjatament dik tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet 'Raymond Gauci vs Il-Pulizija et' tas-27 ta' Ġunju 2002 li tirrelata għall-motivazzjoni f'sentenza ta' Qorti (f'dak il-każ il-Qorti Kriminali), u mhux ta' Awtorità Amministrattiva.*

14. *Illi għalhekk ir-referenza tar-rikorrenti għal dan l-artiklu u din il-każistika hija inapplikabbli fiċ-ċirkostanzi odjerni, b'dana li anke l-jedd għal smiegħ xieraq qiegħed jingħata permezz tal-proċeduri odjerni skont kif trid il-liġi.*

***<u>It-Tielet Aggravju (paragrafu ‘c’ fir-rikors promotur)</u>***

*15.Illi r-rikorrenti ssostni wkoll li d-deċiżjoni tal- Awtorità hija irrita u nulla fil-mod ta’ kif ġiet miktuba. Madankollu, l-Awtorita’ esponenti teċepixxi li r-rikorrenti ma tissostanzja dan l-aggravju bl-ebda mod. Aktar minn hekk, l-esponenti tissenjala li d-deċiżjoni tagħha tissodisfa ir-rekwiżiti kollha mistenniha kemm mill-liġi u kif ukoll mill-prassi amministrattiva. L-Awtorità tirriserva li tqajjem eċċezzjonijiet ulterjuri fir-rigward ta’ dan l-aggravju la darba ir-rikorrenti tispeċifika b’ liema mod skontha din id-deċiżjoni hija irrita u nulla.*

*16.Illi oltre minn hekk, l-esponenti tissenjala li din id-deċiżjoni ttieħdet in konformita mal-kundizzjonijiet tal-kirja agrikola (qbiela) li kienu annessi mal-ittra ta’ rikonoxximent tar-rikorrenti. Hawnhekk issir referenza proprju għall-kundizzjoni numru tlettax (13) li tgħid li “**il-kerrej m’għandux itella’ bini jew kmamar, jew tagħmel tibdil strutturali fil-proprjeta, mingħajr il-permess bil-miktub tal- Awtorità tal-Artijiet**... Din il-klawsola ma tħollx lill-kerrej mill-obbligu li jottjeni kull permess li jista’ jkun meħtieġ skond il-liġi qabel ma jinbdew dawn il-benefikati jew xogħolijiet”. Għalhekk huwa ben ċar li l-kerrej ma jista’ bl-ebda mod itella’ xi bini jew jagħmel xi tibdil strutturali mingħajr il-kunsens tal-Awtorita.*

***<u>Ir-Raba’ Aggravju (paragrafu ‘d’ fir-rikors promotur)</u>***

*17.Illi r-rikorrenti ssostni li r-raġuni, ossia l-motivazzjoni tar-rifjut, m’hijiex ibbażata fuq is-sewwa. Madankollu, kif diġa ġie senjalat mill-esponenti, u kif ser ikompli jiġi ppruvat fil-mori, id-deċiżjoni tal-Awtorità hija ibbażata fuq dak li tgħid il-liġi, u kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-kirja agrikola (qbiela) li kienu parti ntegrali mir-rikonoxximent tar-rikorrenti stante li l-istess rikonoxximent kien soġġett għal dawn il-kundizzjonijiet.*

*18.Illi l-esponenti tissenjala li l-fatt li d-deċiżjoni m’hijiex waħda elaborata, din id-deċiżjoni hija preċiża u tintfiehem. Din id-deċiżjoni*

*tagħti l-informazzjoni kollha meħtieġa ċar u tond; u indikat lir-rikorrenti il-posiżjoni tal-Awtorità b'mod inekwivoku u b' mod loġiku.*

19. *Apparti dan, ma hemm l-ebda raġuni fil-liġi għaliex din id-deċiżjoni tista' tiġi dikjarata nulla, u dan in vista tal-fatt li kif ġja spjegat din id-deċiżjoni tissodisfa ir-rekwiżiti kollha meħtieġa kif ser jiġi ppruvat. Jekk xejn, din id-deċiżjoni hija parti mill-impenn tal-Awtorità tal-Artijiet li tamministra l-art tal-pubbliku bl-aħjar mod possibli bħala* ***Bonus Pater Familias****, dan billi tassigura li dak li timponi il-liġi u kwalunkwe kundizzjoni oħra, jiġi osservat.*

*Għaldaqstant, dan l-Onorabbli Tribunal għandu jiċħad it-talbiet kollha mressqa quddiemu mir-rikorrenti, filwaqt li jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet tat-18 t'April 2024 u dan bl-ispejjeż interament għall-istess rikorrent appellanti.*

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassitha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kif kontenuta f'ittra datata 18 t'April 2024 li permezz tagħha ġiet infurmata illi l-applikazzjoni tagħha għall-kunsens tal-Awtorita` *"to reconstruct a pre-1967 ruined toolroom, erect rubble walls, construct two stables, create two ramps and install two gates in an ODZ land"* kienet ġiet rifjutata stante li l-iżvilupp propost ma setax jiġi kkunsidrat bħala essenzjali għall-ħtiġijiet tal-agrikoltura.

**Norton Chalker**, uffiċjal tal-Awtorita` intmata, xehed illi t-*tenement* li dwaru applikat ir-rikorrenti kien mogħti b'kirja *in solidum*. Spjega li huma ffukaw l-iktar fuq l-istruttura tal-istalel. Skont il-kundizzjonijiet tal-kirja, l-art kellha tintuża biss għal skop agrikolu. Huwa spjega wkoll illi ai termini ta' klawsola 9 tal-istess kuntratt, il-kmamar li jifformaw parti mill-kirja kellhom jintużaw biss għal skopijiet ta' ħażna ta' għodda, uċuħ tar-raba, jew għal skopijiet ta' kenn mill-elementi. Għalhekk fil-fehma tiegħu, l-istalel ma jistgħux jiġu kkunsidrati

li huma essenzjali għall-ħtiġijiet tal-iskop li għaliha ġiet mikrija l-art in kwistjoni. Fir-rigward tar-rikjesti dwar ir-rampi u l-ħitan tas-sejjieħ u l-ixtabi, ix-xhud stqarr li dawn ma tantx ġew ikkunsidrati, pero` jekk jiġu kkunsidrati ried ikun hemm il-kunsens tal-ko-inkwilini kollha biex l-Awtorita` tikkunsidra tagħti l-kunsens tagħha.

**Ir-rikorrenti** xehdet illi hija pproċediet bl-applikazzjoni *de quo* biex tirranġa dak li hemm u sabiex iżżomm *pony* li huwa ta' terapija għat-tifel tagħha li jbati minn kundizzjoni medika.

**Il-Perit John Schembri** xehed illi huwa kien inkarigat mir-rikorrenti biex jipproċedi b'applikazzjoni mal-Awtorita` tal-Ippjanar biex isir żvilupp fuqha, fosthom ta' żewġ stalel. L-iskop ta' dawn l-istalel kien sabiex iżżomm fiha żewġt iżwiemel bħala terapija għal iben ir-rikorrenti. In kontro-eżami wieġeb illi fuq is-sit hemm kamra mwaqqa' u hija ta' perikolu jekk xi ħadd jersaq lejha.

**Ikkunsidra:**

Illi l-art in kwistjoni kienet fiż-żmien immobbli Ekkleżjastika li għaddiet għand il-Gvern permezz tal-ftehim ratifikat fit-18 ta' Frar 1993.[1]

Jirriżulta illi permezz ta' ittra datata 24 ta' Mejju 2023, ir-rikorrenti ġiet rikonoxxuta bħala inkwilina tar-raba magħruf bħala "Ta' Rangur", "Tal-Għolja", is-Siġġiewi ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 573.06 u dana bil-kundizzjonijiet annessi mal-istess ittra.[2]

Illi klawsola 8 tal-kundizzjonijiet tal-kirja tgħid testwalment is-segwenti:-

***8. Ir-raba' li jifforma parti minn din il-kirja għandu jintuża biss għal skop agrikolu. L-użu tar-raba' għal skopijiet ta' kaċċa u/jew insib tal-għasafar huwa espressament ipprojbit.***

Klawsola 9 tgħid testwalment is-segwenti:

***9. Kmamar li jifformaw parti minn din l-kirja jistgħu jintużaw biss għal skopijiet ta' ħażna ta' għodda jew uċuħ tar-raba' jew għal skopijiet ta' kenn***

[1] Dokument a fol. 29
[2] A fol. 38

***mill-elementi. L-użu tal-kmamar għal skopijiet ta' residenza huwa espressament ipprojbit.***

Illi ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 573.06 l-iskop agrikolu huwa ż-*"żamma ta' l-ifratgħat, trobbija jew annimali tar-razzett oħra, u l-ħażna ta' prodotti agrikoli, makkinarju u tagħmir tar-razzett, għodod u vetturi wżati esklussivament fis-settur agrikolu għal skopijiet ta' koltivazzjoni jew irrigazzjoni u għandhom jipprovdu speċifikament, inter alia, li l-iggaraxxjar ta' vetturi, minbarra dawk użati speċifikament fis-settur agrikolu għal skopijiet agrikoli, bħal tratturi u makkinarju agrikolu assoċjat, m'għandhomx ikunu permessi."*

Illi fil-fehma tat-Tribunal joħroġ ċar minn din id-disposizzjoni illi ż-żamma ta' żwiemel għall-iskop li għandha r-rikorrenti ma jidħolx fid-definizjoni tal-iskop agrikolu kif definit hawn fuq. Illi għaldaqstant, kuntrarjament għal dak sottomess fir-rikors promutur, id-deċiżjoni tal-Awtorita` intimata hija bażata fuq il-liġi u tikkostitwixxi spjegazzjoni u motivazzjoni valida fir-rigward tat-talba sabiex jiġu mibnija żewġ stalel għall-istess żiemel.

Illi t-Tribunal filwaqt li jifhem l-isfidi li r-rikorrenti għandha b'binha, trid min-naħa l-oħra tifhem illi l-art mhix tagħha iżda hija art pubblika li hija qed tgawdi bil-ħlas ta' ftit ċenteżmi fis-sena, u dan kif jirriżulta mir-riċevuta a fol. 57 tal-proċess. Illi li kieku l-art agrikola hija waħda privata, allura kien ikollha dritt tipproġetta dak kollu li tixtieq, dejjem fil-limiti ta' dak li jippermettu l-liġijiet tal-ippjanar. Pero` hawnhekk qed nitkellmu fuq art pubblika, li *per di piu`* hija art agrikola u li għaliha japplikaw regolamenti li l-Awtorita` intimata m'għandha ebda diskrezzjoni li tinjora. Huwa fid-dmir tal-Awtorita` intimata li tara li l-art agrikola pubblika li hawn fil-pajjiż tintuża għall-iskop intiż għaliha u kwindi ċertament kienet korretta meta qieset li l-iżvilupp ta' stalel mitlub mir-rikorrenti ma jidħolx fil-parametri tal-iskop li għalih ġiet mikrija.

Illi għalhekk fuq il-kwistjoni tal-istalel it-Tribunal se jkun qiegħed jikkonferma d-deċiżjoni appellata. Min-naħa l-oħra, pero`, it-Tribunal iqis li l-Awtorita` intimata ma kellhiex tieqaf biss fuq il-kwistjoni tal-istalel u tinjora t-talbiet l-oħra, speċjalment jekk kif xehed il-Perit John Schembri, hemm kamra li tinsab fi stat perikolanti. Dan anke għaliex permezz ta' klawsola 12 tal-kundizzjonijiet tal-kirja, **l-inkwilini għandhom l-obbligu li jassiguraw li jsiru t-tiswijiet kollha li jistgħu jkunu meħtieġa fil-bini, ħitan u strutturi oħra fuq is-sit**

**<u>mikri, liema tiswijiet għandhom isiru a spejjeż tal-inkwilini u għas-sodisfazzjoni tal-Awtorita` intimata.</u>**

Għaldaqstant it-Tribunal, filwaqt li se jkun qed jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorita` intimata fir-rigward tar-rifjut tal-applikazzjoni tar-rikorrenti għar-rigward tal-istalel, huwa tal-fehma illi l-istess Awtorita` naqset meta waqfet biss fuq it-talba għall-bini tal-istalel u dana għaliex l-applikazzjoni kellha numru ta' talbiet oħra, fosthom dik ta' bini mill-ġdid ta' kamra eżistenti fuq is-sit.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, qiegħed jiddisponi mill-appell tar-rikorrenti u mill-eċċezzjonijiet tal-Awtorita` intimata billi filwaqt li jikkonferma d-deċiżjoni appellata fir-rigward tar-rifjut tal-għoti tal-kunsens tagħha fir-rigward tal-bini tal-istalel, jilqagħha in kwantu l-Awtorita` intimata ma ħaditx in konsiderazzjoni t-talbiet l-oħra fl-istess applikazzjoni u għalhekk jordna li d-deċiżjoni appellata tiġi riveduta sabiex tittieħed ukoll deċiżjoni dwar il-materji kollha li għalihom intalab il-kunsens tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

______________________

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

__________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**